MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2010

Numru 28/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Norman Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 28 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Norman Bezzina, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed, l-ahwa Laurence Gatt, li allura ma kellux okkupazzjoni u kien jirregistra, w Antonio Gatt, li kien impjegat fil-Freeport, kienu saru midhla sew ta' Norman Bezzina, maghruf bhala Ta' Cekcek u li kien jiggestixxi hanut tal-hwejjeg, Simon Xuereb u Manwel Gauci. Gie z-zmien li llkoll waslu sabiex thajjru u ftehmu li jikkumbinaw bicca xoghol li minnha jaghmlu kemxa flus. Din il-bicca xoghol waqghet fuq id-droga, w cioe' li jdahhlu f'Malta kwantita' kbira ta' kokajina bil-ghan li mbaghad tigi traffikata lokalment.

Il-mezzi kkumbinati u miftehma bejniethom, ghall-ewwel b'mod generali, kienu jikkonsistu li jorganizzaw u jirrangaw ghad-dhul f'Malta ta' kwantita' ta' kokajina b'mod li ghalkemm tiddahhal materjalment f'Malta, tiddahhal permezz tal-posta w b'mod li hadd minnhom ma jinvolvi ruhu personalment.

Maz-zmien, u cioe' ghall-habta ta' l-ahhar ta' Marzu tas-sena 2001, l- ahwa Gatt, anke bi ftehim ma' Norman Bezzina, kellhom juzaw l- intervent u l-assistenza ta' kuntatti taghhom li, direttament u indirettament, kellhom influwenza w awtorita' fi hdan il-Maltapost u fid-Dwana. Fil-fatt hekk gara.

Kien l-istess Laurence Gatt li, kif miftiehem mas-scoji l-ohra tieghu, avvicina, hajjar u ottjena l-accettazzjoni ta' Carmel Cassar, burdnar, Mark Cassar, li kien jahdem fil-Customs Clearance, u Ruben Scicluna, li kien jahdem il-Maltapost, f'din l-assocjazzjoni li kienet nibtet aktar qabel bejn numru izghar ta' persuni.

Di fatti, dawn is-socji kollha issa ipperfezzjonaw u organizzaw il-mezzi li bihom kull wiehed minnhom kellu jimxi rispettivament. Appena d-droga tkun dahlet Malta taht deskrizzjoni falza permezz tal-posta w indirizzata lil persuna fittizja (mezz dan, ikkumbinat u miftiehem bejn Norman Bezzina w l-ahwa Gatt), l-istess droga kellha taghmel tragitt lokalment, tghaddi minn id ghal id tal-imsemmija socji, sakemm tispicca fid-destinazzjoni finali taghha.

Din l-assocjazzjoni, issa akbar minn qatt qabel, ghaddiet u dahlet fl- ezekuzzjoni u twettiq tal-pjan miftiehem bil-mezzi hekk ikkumbinati bejniethom ghall-importazzjoni tad-droga f'Malta, sakemm dan il-pjan u realizzazzjoni gew sfrattati tempestivament mill-Pulizija Maltija kif jinghad fil-kap li jigi immedjatament wara dan.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Norman Bezzina sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni

ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Norman Bezzina hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi lejn l-ahhar ta' Marzu tas-sena 2001, il-Pulizija Maltija kienet wasletilha informazzjoni li pakkett suspettuz kien intbaghat mill-Kanada, minn Norman Bezzina indirizzat lil certa persuna f'indirizz il-Marsa.

Fil-fatt, dak il-pakkett, kontenenti cirka kilo kokajina, kien indirizzat lil certu Joe Portelli ta' 2, Clan Stable Lane, Racecourse Street, Marsa, Malta, Europe. Kien wasal Malta mill-Kanada mal-Posta fis-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 2001. Fl-apparenza, kien jidher li l-pakkett kien

intbaghat minn certu Norman Borg (izda fil-fatt minn Norman Bezzina) minn Toronto, Ontario, l-Kanada.

Ghalhekk, il-Pulizija Maltija, bl-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, rrangat sabiex issir konsenja ikkontrollata ta' droga bil-ghan li jigu identifikati l-persuni nvoluti fl-eghmil ta' reati. Konsegwentement, il-pakkett tad-droga inzamm taht sorveljanza stretta mill-Pulizija fil- vicinanzi tal-fergha tal-posta tal-Hamrun. Ukoll, fil-wiehed u tletin ta' Marzu, 2001, il-pakkett originali tad-droga inbidel ma' iehor, simili fid- dehra esterna tieghu, u anke fil-piz.

Fit-tlieta w ghoxrin ta' April, tat-2001, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu, Ruben Scicluna, impjegat mal-Maltapost bhala xufier, mar il-fergha tal-posta tal-Hamrun u pprezenta l-Avviz ghall- kunsinna ta' pack, mahrug mill-Maltapost, u li kien jirrigwarda l-pakkett in kwistjoni. L-istess pakkett gie mghoddi lil Ruben Scicluna mill- Ufficjali tal-Maltapost taht is-sorveljanza u l-ordnijiet tal-Pulizija.

Hin wara, Ruben Scicluna gie mwaqqaf mill-Pulizija fl-inhawi ta' Hal- Qormi. Gie stabbilit li Scicluna kien miftiehem ma' Charles Cassar sabiex l-istess Ruben Scicluna jirtira l-pakkett li kien jaf li kien jikkontjeni xi droga.

Ruben Scicluna cempel lil Carmel sive Charles Cassar, fejn gharrfu li l- pakkett bid-droga kien jinsab f'idejh. Huma ftehmu li l-pakkett ibiddel l- idejn fil-parking area tat-terminal l-antik tal-ajruport ta' Hal-Luqa. Carmel Cassar informa lil Scicluna li min-naha tieghu kien ser jibghat lit-tifel tieghu, Mark Cassar, sabiex jiehu l-pakkett bid-droga.

Ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghodu ta' nhar it-23 ta' April, 2001, hekk kif il-van tal-Maltapost misjuq minn Ruben Scicluna stess, u li fih kien hemm mohbija zewg ufficjali tal-Pulizija, wasal fil-post imsemmi, huwa gie avvicinat minn Mark Cassar, li gabar il-pakkett u ghadda xi flus lil Ruben Scicluna.

Wara li Scicluna halla l-post, Mark Cassar li kien fuq il-post fil-presenza ta' huh Jonathan Cassar, ghadda l-istess pakkett bid-droga lil persuna ohra li kien qieghed jistenna b'vettura Hyundai Accent ta' kulur ahdar u bin-numru ta' registrazzjoni AAA-205, fl-istess parking area, pero' ftit tad-distanza l-boghod.

Hekk kif dina l-vettura kienet ser thalli l-post, giet intercettata mill- Pulizija, w il-pakkett bid-droga sostitwit instab fil-booth ta' wara tal- vettura tieghu. Il-persuna li kien fil-vettura, w misjuqa minnu, kienet Anthony Gatt li allura wkoll gie arrestat. Irrizulta li Anthony Gatt kien gie mibghut minn Laurence Gatt. Di fatti, kien aktar kmieni dakinhar li fil-Pjazza ta' Rahal Gdid, Antonio Gatt gie avvicinat minn huh Laurence li tah karta ta' avviz, liema karta Laurence Gatt kien ircevieha minghand Norman Bezzina. Kien Laurence li kien miftiehem ma' Antonio, bl-insistenza w accettazzjoni ta' Norman Bezzina, sabiex dana jaghmel mezz u johrog il-pakkett bid-droga f'Malta mill-posta. Fil-fatt ukoll, Laurence Gatt kienet il-persuna li finalment il-pakkett bid-droga kellu jispicca f'idejha.

Irid jinghad li fl-isfond ta' dan kollu, l-involviment ta' Norman Bezzina kien strumentali fl-importazzjoni tad-droga, proprju minhabba li kien huwa li xjentement irranga sabiex Simon Xuereb jippresta l-uzu tal- kaxxa postali tieghu lil Laurence Gatt u lill-istess Bezzina, sabiex dana tal-ahhar, fil-perjodu li jkun appozitament il-Kanada, jkun jista' jibghat il- pakkett bid-droga lejn Malta minghajr ma jkun qieghed igorru personalment, u b'mod li d-destinatarju tal-pakkett tkun persuna fittizja mentri fil-fatt ikun l-istess Simon Xuereb, bhala mandatarju ta' Norman Bezzina, li jibda w jiffacilita' l-process tal-importazzjoni tad-droga.

Din il-bicca xoghol kienet ga' grat bl-istess mod fi Frar tas-sena 2001, u tal-involviment u prestazzjoni tieghu, Xuereb kien irceva minghand Norman Bezzina circa tlett telef Lira Maltin bhala kumpens.

Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta, w Norman Bezzina ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Norman Bezzina sar hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Norman Bezzina, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi bejn il-31 ta' Marzu u t-23 ta' April tas-sena 2001, mill-mument li Norman Bezzina, Laurence u Antonio ahwa Gatt, Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar, flimkien ma' persuni ohra, kienu fil-process li jirrangaw ghall-importazzjoni ta' circa kilo kokajina f'Malta, w fl-istadji differenti u hinijiet differenti li l-pakkett bid-droga kien qieghed jghaddi minn id ghal id ta' kull wiehed minnhom, kollha kemm huma kienu, f'dawk l-istadji u hinijiet differenti, fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina.

Kull wiehed minnhom kien allura fil-pussess xjenti tal-kokajina f'cirkostanzi li manifestament juru li dak il-pussess qatt ma kien ghall- uzu esklussiv ta' xi hadd minnhom.

Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima Ital-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta, w Norman Bezzina ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Norman Bezzina sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w meta huwa ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil Norman Bezzina hati ta' pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl- imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-

pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(h), 23, 20, 22 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Norman Bezzina hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w b'sitt (6) voti favur w bi tlett (3) voti kontra sabuh ukoll hati skond it-Tieni u tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Norman Bezzina hati talli :-

1. ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. lejn l-ahhar ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-

importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal- Akkuza;

3. bejn il-31 ta’ Marzu u t-23 t’April, tas-sena elfejn u wiehed, kellu pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil- pussess tal-imsemmija sustanza; b’dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal- hati, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament, is-segwenti :-

Illi l-Qorti hi mistiedna tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li dwar ir-reat ta’ assocjazzjoni ma giex indikat jekk dan japplikax ghall-ewwel jew it-tieni konsenja u din il-mankanza fl-Att tal-Akkuza ghandha tirrifletti fuq l-ghoti tal-piena.

Terga l-hati ghandu fedina penali kwazi netta u dan ir-reat ghandu jitqies bhala l-ewwel wiehed tal-hati.

Id-difiza argumentat ukoll li stennijja ta’ ghaxar snin sabiex isir il-guri hi piena fiha nnifisha ghax hajjet il-hati tkun qiesa “on hold” u ma jistax jippjana l-futur la ghalih u l-anqas ghal familja li tiddependi minnu u jrid jghix bl-incertezzi assocjati mal-fatt li ma jafx x’ser isir minnu.

Saret referenza ghal kaz ta’ Simon Xuereb li l-kaz tieghu kien abbinat ma dak ta’ Norman Bezzina fejn wara patteggjament il-kaz ta’ Xuereb gie trasferit mill-Qorti Kriminali ghal dik tal-Magistrati fejn il-massimu tal-piena hija hafna u hafna anqas minn dik tal-Qorti Kriminali u nghata piena ta’ 9 snin.

Fl-ahhar id-difiza gibdet ukoll l-attenzjoni tal-Qorti illi l-verdett ma kienx unanimu u votazzjoni ta’ 7 bi 2 fuq l-ewwel kap u 6 bi 3 fuq iz-zewg kapi l-ohra huwa l-minimu ghal verdett legali li juri certu titubanza fost il-gurija fid-deliberazzjonijiet taghhom dwar il-htija.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja w cioe' illi l-Qorti ghandha tqis l-ammont ta' droga mpurtata, l-mod u s-serjeta' tal-kaz jimmerita piena karcerarja. Il-hati ma invokax favur tieghu ammissjoni bikrijja anzi kkontesta dan il-kaz sa l-ahhar bil-mezzi kollha li taghtih il-ligi u ghalhekk la ghandu jibbenefika minn tal-ammissjoni u l-anqas l-artikolu 29 tal-Kap. 101.
L-abbli prosekutur ta gwida lill-Qorti b'diversi kazi ricenti fejn gew inflitti certi parametri ta' pieni fl-ambitu tar-reati postolati f'dan il-kaz u stieden il-Qorti sabiex tinflitti piena proporzjonata ghad-droga li nstabet.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott that it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.05.2003] u ohrajn).

Qieset li l-piena ghar-reat ta' pussess ta' kokajina, taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta' prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta' mhux inqas minn €2329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita' tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

Illi fi sforz biex kemm jista' jkun izzomm relativita' ma' sentenzi ohra taghha fejn il-kwalita' tad-droga kienet l-istess u fejn il-kwantita' taghha kienet piu o meno simili w fejn instabet htija mill-gurija w ma kienx applikabbli l-

artikolu 29, il-Qorti thoss li l-piena f'dan il-kaz ghandha tkun ikkalibrata fuq il-bazi tas-sentenzi l-ohra taghha.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 2(1), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(b)(i)(ii)(aa)(bb)(3A)(c)(d), 22(f) u 26(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 17(b), 17(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Norman Bezzina ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta' erbghin elf Ewro (€40,000) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f' terminu ta' sena prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' sitt elef, tlett mija w tlieta w disghin Euros u hamsa w erbghin Euro centezmi (€6393.45) import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Peress illi hemm proceduri ohra pendenti quddiem dawn il-Qrati in konnessjoni ma dan il-kaz, il-Qorti tordna li l-esebiti kollha jigu priservati u kustoditi mir-Registratur ta' din il-Qorti ghal eventwali uzu skond il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------